A.L. 39 ta' l-1993

ATT DWAR AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT PUBBLIKU

Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27 ta' l-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku, l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku, bil-kunsens tal-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni, għamlet ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1982 dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet), hawnhekk iżjed il-quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 14 ta' l-1982.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fit-22 ta' Marzu, 1993.

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fl-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali:—

(a) in-nolijiet kollha elenkati fit-Taqsima IA, it-Taqsima IC, it-Taqsima ID, it-Taqsima IE, l-Appendiċi, it-Taqsima II, u t-Taqsima III, tat-Tabella I għandhom jiżdiedu b'ċenteżmu (1c);

(b) minflok in-nolijiet kollha elenkati bħala "17c" fit-Taqsima IF tat-Tabella I għandu jidħol in-nol "20c"; u

(ċ) minflok it-Taqsima IB tat-Tabella I għandu jidħol dan li ġej:

"TAQSIMA IB

SERVIZZI DIRETTI

		Fares
1.	Bugibba sa Cirkewwa jew lura	20c
2.	Bugibba sar-Rabat jew lura	20c
3.	Bugibba sa Għajn Tuffieħa jew lura	20c
4.	Sliema sa Bugibba jew lura	20c
5.	Sliema sar-Rabat jew lura	20c.".